# Dan id-dokument dwar xiex jitratta?

Ir-regoli għall-manifattura, l-importar u l-użu ta' sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea huma mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-negozju u tas-soċjetà għal sustanzi kimiċi aktar sikuri.

**REACH** għandu l-għan li jimmaniġġja r-riskji tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll li jippromwovi l-kompetittività u l-innovazzjoni permezz ta' proċessi ta' reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni.

**CLP** jiffaċilita kummerċ globali u jtejjeb is-sikurezza tal-ħaddiem u tal-konsumatur billi jimplimenta s-sistema armonizzata tan-Nazzjonijiet Uniti globalment għall-klassifikazzjoni u għat-tikkettar u għall-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi fl-UE.

**Dawn ir-regolamenti** jqiegħdu fis-seħħ sistema komuni sabiex jiżguraw livell ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent fl-UE.

# X'għandi nagħmel?

Dan jiddependi mir-rwol tiegħek fil-katina tal-provvista, kemm huma perikolużi s-sustanzi li tuża u kif tużahom.

L-għodda Navigator tal-ECHA tista' tgħinek tidentifika x'japplika fil-każ tiegħek.
https://echa.europa.eu/identify-your-obligations

### Kun af is-sustanzi kimiċi tiegħek

Tforni sustanzi kimiċi? - Jeħtieġ li tiġbor informazzjoni sabiex tikklassifika, tittikkettja u tirreġistra s-sustanzi li timmanifattura jew timporta u li tavża lill-konsumaturi tiegħek kif jintużaw b'mod sikur.
https://echa.europa.eu/regulations/reach/registration
https://echa.europa.eu/regulations/clp/understanding-clp

Tuża sustanzi kimiċi? - Għandek timplimenta l-parir ta' mmaniġġjar tar-riskji pprovdut mill-fornituri tiegħek jew tinfurmahom jekk dan ma jkunx xieraq.
http://echa.europa.eu/downstream

### Oqgħod attent għal "sustanzi ta' tħassib serju ħafna"

L-aktar sustanzi kimiċi perikolużi jitqiegħdu fil-lista ta' "sustanzi ta' tħassib serju ħafna". Dawn is-sustanzi kimiċi jistgħu jikkawżaw kanċer, ifixklu s-sistemi tal-ormoni, jakkumulaw fin-natura u f'organiżmi ħajjin u jikkawżaw effetti irriversibbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Din il-lista tiġi aġġornata darbtejn fis-sena. Ħares lejn:
https://echa.europa.eu/candidate-list-table

Jekk is-sustanza tiegħek hija inkluża f'din il-lista, tista' tintgħażel għall-awtorizzazzjoni, li jfisser li tkun teħtieġ tapplika għal permess biex tkompli tużaha.



© istock

# X'inhuma l-ispejjeż?

REACH jeħtieġ il-pagament tat-tariffi u tal-imposti lill-ECHA. Iktar kemm hi żgħira l-kumpanija tiegħek, iktar ser ikunu baxxi t-tariffi u l-imposti. Agħti titwila lejn: https://echa.europa.eu/sme

Spejjeż oħrajn jistgħu jeċċedu t-tariffi. Dawn ser jiddependu mill-obbligi speċifiċi tiegħek, il-ħtieġa li tiġġenera jew li tixtri d-data, l-għażla li tuża konsulenti u l-ħtieġa/d-deċiżjoni li ssib sustanzi kimiċi aktar sikuri minflok dawk perikolużi.

# U dwar informazzjoni u għajnuna?

Uża s-sit web tal-ECHA bħala sors ta' aħbarijiet, gwida, tweġibiet għall-mistoqsijiet u appoġġ.
https://echa.europa.eu/subscribe

It-terminoloġija legali u l-informazzjoni ewlenija għall-kumpaniji hija pprovduta fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE.
https://echa-term.echa.europa.eu/

Tista' wkoll tfittex fuq is-sit web tal-ECHA għal informazzjoni dwar il-karatteristiċi, il-klassifikazzjoni u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi fis-suq tal-UE.

Ikkuntattja:

- Il-fornituri u l-konsumaturi tiegħek dwar sustanzi jew prodotti speċifiċi;
- L-organizzazzjoni tal-industrija tiegħek għal pariri u informazzjoni speċifiċi għas-settur;
- L-uffiċċju nazzjonali ta' informazzjoni tiegħek ta' REACH u CLP għal mistoqsijiet dwar il-konformità;
- L-Uffiċċju nazzjonali ta' informazzjoni tal-ECHA għal appoġġ bl-għodod li trid tuża.
  https://echa.europa.eu/support

## Dan xi jfisser?

**Moviment liberu ta' sustanzi kimiċi**
L-istess regoli japplikaw għall-kumpaniji kollha fl-UE.

**Ebda data, ebda suq**
Il-manifattura, l-impurtar, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi mhux irreġistrati huwa illegali. Dan japplika għal sustanzi waħidhom jew f'taħlitiet.

**Komunikazzjoni fil-katina tal-provvista**
Kull attur fil-katina tal-provvista għandu rwol li jiżgura l-komunikazzjoni ta' karatteristiċi perikolużi u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi: manifatturi, importaturi, formulaturi, distributuri u bejjiegħa bl-imnut. https://echa.europa.eu/communication-in-the-supply-chain

Il-**konsumaturi** għandhom id-dritt li jitolbu u li jirċievu informazzjoni jekk il-prodotti tagħhom ikun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna għal saħħithom u għall-ambjent.

## Ikseb vantaġġ tan-negozju

REACH u CLP huma mfassla biex jippromwovu sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi perikolużi. Tista' tibdel obbligi legali f'opportunitajiet tan-negozju billi tevita dawn is-sustanzi fi stadju bikri.

Abbażi tal-informazzjoni li għandek dwar is-sustanzi li timmanifattura, timporta jew tuża, tista' ssib alternattiva aktar sikura qabel il-kompetituri tiegħek u tikseb vantaġġ tan-negozju?

Irrispondi għall-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-ECHA jekk żviluppajt jew tuża alternattivi għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna.
https://echa.europa.eu/public-consultations

## Dan japplika għan-negozju tiegħi?

**Il-kumpanija tiegħek:**

Tifformula taħlitiet ta' sustanzi kimiċi?

eż. żebgħa, żejt tal-muturi, sapun u deterġenti

Timmanifattura jew timporta sustanzi jew taħlitiet ta' sustanzi kimiċi?

eż. aċeton, fenol, żebgħa, lubrikanti

Timmanifattura jew timporta oġġetti tal-konsumatur?

eż. għamara, ilbies, apparat elettriku

Tuża sustanzi kimiċi?

eż. għal kisi jew tindif

Jekk it-tweġiba għal kwalunkwe waħda minn dawn il-mistoqsijiet hija "Iva", dan il-fuljett huwa għalik.

Dan huwa dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet skont REACH u CLP, li japplikaw għas-setturi industrijali kollha u għall-kumpaniji kollha li jimmaniġġjaw sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja.

Il-konformità mar-rekwiżiti legali ser tgħinek timmaniġġja r-riskji kimiċi fin-negozju tiegħek u tagħti sehmek fil-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Int ser tkun tista' twieġeb għall-aspettattivi tal-konsumaturi tiegħek għal sustanzi kimiċi u prodotti aktar sikuri, li jistgħu wkoll itejbu l-marka tiegħek.

Ibda minn: https://echa.europa.eu/sme

ECHA-17-P-01-MT
© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun kompletament rikonoxxut.

ED-03-18-118-MT-N ISBN:978-92-9020-801-3 DOI:10.2823/78675

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Is-sigurtà kimika u n-negozju tiegħek


© istock


© istock


© istock